



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 28 ta' Novembru 2022  
(OR. en)

14982/22

EDUC 394  
JEUN 171  
DIGIT 217

#### **EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

|                           |                                                                                   |
|---------------------------|-----------------------------------------------------------------------------------|
| minn:                     | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                  |
| lil:                      | Delegazzjonijiet                                                                  |
| Nru. dok. preċ.: 14147/22 |                                                                                   |
| Suġġett:                  | Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-appoġġ għall-benesseri fl-edukazzjoni diġitali |

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-Konklużjonijiet tal-Kunsill imsemmija hawn fuq, approvati mill-Kunsill (Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport) fil-laqgħa tiegħu fit-28 u d-29 ta' Novembru 2022.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-appoġġ għall-benesseri fl-educazzjoni diġitali****IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA****FIL-KUNTEST TA':**

1. Id-diskussjonijiet politiċi fis-Summit Soċjali ta' Gothenburg fl-2017, fejn ġie enfasizzat li 44 % tal-Ewropej ma għandhomx ħiliet diġitali bażiċi, li 90 % tal-impjeggi fil-futur ser jirrikjedu ħiliet u kompetenzi diġitali, u li 40 % tal-kumpaniji Ewropej ibatu biex jirreklutaw speċjalisti tal-ICT. It-tnedija ta' riflessjoni dwar il-Futur tal-Apprendiment, biex twieġeb għax-xejriet futuri u r-rivoluzzjoni diġitali, inkluż l-intelliġenza artifiċjali (IA), kienet waħda mill-ideat diskussi mill-mexxejja Ewropej f'dik l-okkażjoni.
2. L-ewwel prinċipju tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, jiġifieri li kulħadd għandu d-dritt għal edukazzjoni, taħriġ u taqilim tul il-ħajja inklużivi u ta' kwalità sabiex iżomm u jikseb ħiliet li jagħmlu possibbli l-parteċipazzjoni sħiħa fis-soċjetà u l-ġestjoni b'suċċess ta' tranżizzjonijiet fis-suq tax-xogħol.
3. Il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-kisba taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni sal-2025, li tissottolinja l-ħtieġa li jinħolqu ambjenti ta' apprendiment ta' appoġġ għal gruppi friskju ta' prestazzjoni insuffiċjenti u li jiġi appoġġat il-benesseri fl-iskola.
4. Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-educazzjoni u t-taħriġ lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u lil hinn (2021-2030), li tenfasizza li l-educazzjoni u t-taħriġ għandhom rwol vitali fit-tiswir tal-futur tal-Ewropa, fi żmien meta huwa essenzjali għaċ-ċittadini li jsibu s-sodisfazzjon u l-benesseri personali, li jkunu lesti jadattaw u jaħdmu f'suq tax-xogħol li qed jinbidel u li jinvolvu ruħhom f'ċittadinanza attiva u responsabbli.

5. Il-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali (2021-2027), li jiddeskrivi l-kunċett ta' ekosistema tal-edukazzjoni diġitali bi prestazzjoni għolja u jenfasizza l-importanza tal-ħiliet diġitali u l-iżvilupp tal-kompetenzi għall-ħajja ta' kuljum.
6. Id-djalogu strutturat li għaddej dwar l-edukazzjoni u l-ħiliet diġitali mal-Istati Membri, imniedi mill-Kummissjoni fl-2021, u l-approċċ ta' gvern sħiħ tiegħu għall-edukazzjoni diġitali.
7. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1004 tal-14 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal, li għandha l-għan li tipprevjeni u tiġġielel l-esklużjoni soċjali u tiżgura opportunitajiet indaqs billi tiggarantixxi aċċess liberu għall-edukazzjoni għal tfal minn ambjenti żvantaġġati. F'dan ir-rigward, ir-Rakkomandazzjoni tissottolinja l-importanza li jiġu pprovduti għodod edukattivi diġitali, konnettività b'veloċità għolja, servizzi diġitali u tagħmir adegwat, kif ukoll li jittejbu l-ħiliet diġitali u li jiġu indirizzati l-forom kollha ta' distakk diġitali.
8. L-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030, li tindika li l-użu effettiv tat-teknoloġiji diġitali jirrikjedi t-tneħħija tal-ostakli għall-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabilità u l-investiment fil-ħiliet diġitali tagħhom.
9. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar "Perkorsi għas-Suċċess fl-Iskola" u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2011 dwar politiki biex jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskola, li għandha l-għan li tippromwovi eżiti edukattivi aħjar għaż-żgħażagħ Ewropej kollha, irrispettivament mill-karatteristiċi personali tagħhom, il-kuntest familjari, kulturali u soċjoekonomiku tagħhom u tenfasizza l-benesseri fl-iskola u s-saħħa fiżika u mentali bħala komponenti ewlenin tas-suċċess fl-iskola.

10. Il-grupp ta' esperti informali tal-Kummissjoni li qed jiġi stabbilit bħalissa biex jippromwovi ambjenti ta' apprendiment ta' appoġġ għal gruppi friskju ta' progress insuffiċjenti u biex jappoġġa l-benesseri fl-iskola.
11. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Novembru 2021 dwar approċċi ta' apprendiment imħallta għal edukazzjoni primarja u sekondarja ta' kwalità għolja u inklużiva, li tissottolinja l-importanza li tingħata prijorità lill-benesseri (kemm fiżiku kif ukoll mentali) u li tissuġġerixxi li l-politiki dwar il-benesseri tal-istudenti u kontra l-bullying jiġu inklużi fl-oġġettivi tal-iskejjel, kif ukoll li tiżdied l-enfasi fuq il-benesseri u l-kwalità tal-ħajja professjonali tal-ġhalliema u l-ħarrieġa, il-mexxejja tal-iskejjel u persunal edukattiv ieħor sabiex jittaffa l-istress u jiġi evitat l-eżawriment.
12. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2020 dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) għall-kompetittività sostenibbli, l-ekwità soċjali u r-reżiljenza, li tenfasizza politiki tal-VET adatti għall-ekonomija diġitali.
13. Id-Dikjarazzjoni ta' Osnabrück dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali bħala faċilitatur tal-irkupru u tranżizzjonijiet ġusti lejn ekonomiji diġitali u ekoloġiċi, li għandha l-għan li tiżviluppa d-diġitalizzazzjoni tal-VET f'kultura ġdida għat-tagħlim tul il-ħajja.
14. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni diġitali fis-soċjetajiet tal-ġharfien tal-Ewropa, li jenfasizzaw li l-edukazzjoni diġitali għandha tqis il-benesseri tal-atturi kollha involuti fil-proċess ta' apprendiment.
15. Il-Monitor tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2021, li jiffoka fuq is-suġġett tal-benesseri fl-edukazzjoni.

16. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Deċennju Diġitali għat-tfal u ż-żgħażaġh: l-istrateġija Ewropea l-għdida għal internet aħjar għat-tfal (BIK+)", li tiffoka fuq it-titjib tal-benesseri tat-tfal f'ambjenti online.
17. Il-"Qafas ta' Kompetenza Diġitali għaċ-Ċittadini" aġġornat (DigComp 2.2) prodott mill-Kummissjoni, li jenfasizza s-sikurezza, eż. fil-kuntest tal-appoġġ għall-benesseri u s-saħħa kif ukoll il-fehim u l-għieda kontra l-bullying ċibernetiku.
18. Il-Qafas Ewropew għall-Kompetenza Diġitali tal-Edukaturi (DigCompEdu), li jissottolinja l-importanza ta' miżuri maħsuba biex jiżguraw il-benesseri fiżiku, psikoloġiku u soċjali tal-istudenti filwaqt li jużaw it-teknoloġiji diġitali.

#### JIRRIKONOXXI LI:

19. Għall-finijiet ta' dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill, il-"benesseri fl-edukazzjoni diġitali" huwa mifhum bħala sentiment ta' kuntentizza fiżika, konjittiva, soċjali u emozzjonali li tippermetti lill-individwi kollha jinvolve ruħhom b'mod pożittiv fl-ambjenti kollha ta' apprendiment diġitali inkluż permezz ta' għodod u metodi diġitali ta' edukazzjoni u taħriġ, jimmassimizzaw il-potenzjal u l-awto-realizzazzjoni tagħhom u jgħinjom jaġixxu b'mod sikur online u jappoġġa l-awtonomizzazzjoni tagħhom f'ambjenti online<sup>1</sup>. Dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill jiffukaw fuq il-benesseri diġitali fl-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livelli primarji, sekondarji inferjuri u superjuri u permezz tagħhom, inkluż l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET).

<sup>1</sup> Il-benesseri konjittiv jista' jiġi definit bħala "parteċipazzjoni b'suċċess fis-soċjetà fi rwoli differenti - bħala studenti tul il-ħajja, bħala ħaddiema produttivi, bħala ċittadini attivi". Din il-parteċipazzjoni ssir possibbli, fost oħrajn, permezz tal-għarfien u l-kompetenzi li jkollhom. Il-benesseri fiżiku jista' jinftehem bħala l-livell tas-saħħa tal-individwi u l-kapaċità tagħhom li jkollhom stil ta' ħajja tajjeb għas-saħħa. Il-benesseri soċjali jkopri l-interazzjonijiet tal-istudenti ma' oħrajn, kif ukoll il-perċezzjoni tagħhom tal-ambjent tal-apprendiment diġitali. Il-benesseri psikoloġiku jirreferi għall-opinjoni u s-sentimenti tal-istudenti dwar ħajjithom stess u l-għanijiet personali li stabbilixxew għalihom infushom (Panesi, S., Bocconi, S. u Ferlino, L., *Promoting Students' Well-Being and Inclusion in Schools Through Digital Technologies: Perceptions of Students, Teachers, and School Leaders in Italy Expressed Through SELFIE Piloting Activities*, *Frontiers in Psychology*, 2020).

20. Għall-finijiet ta' dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill, it-terminu "studenti" jkopri l-iskulari, l-istudenti u l-apprendisti kollha li jattendu l-livelli primarji, sekondarji inferjuri u superjuri tas-sistemi edukattivi formali inizjali, inkluż l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali inizjali (VET).
21. Għall-finijiet ta' dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill, it-terminu "edukaturi" jkopri l-għalliema, il-mexxejja tal-iskejjel, il-ħarrieġa u persunal pedagoġiku ieħor involut fit-tagħlim tal-istudenti fil-livelli primarji u sekondarji tas-sistemi edukattivi formali inizjali, inkluż l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali inizjali (VET).
22. It-teknoloġiji diġitali biddlu radikalment il-modi li bihom in-nies jitgħallmu, jaħdmu, jużaw l-informazzjoni u jikkomunikaw. It-trasformazzjoni diġitali ġġib magħha sfidi u opportunitajiet ġodda għall-istudenti u għandha impatt fuq il-ħajja konjittiva, fiżika, soċjali u emozzjonali tagħhom.
23. Il-pandemija tal-COVID-19 u l-bidla għal tagħlim u apprendiment ta' emerġenza online u mill-bogħod ġabu ħafna sfidi għall-ambjenti ta' apprendiment diġitali. Il-mod li bih is-sistemi diġitali tal-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż l-istudenti u l-edukaturi u atturi rilevanti oħra, irreaġixxew għal dawn l-isfidi jista' jservi bħala esperjenza utli u tagħlimiet meħuda għall-iżvilupp ta' approċċi ta' benesseri fl-edukazzjoni diġitali.
24. Edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja u inklużivi għandhom itejbu l-opportunitajiet li jinfetħu mit-trasformazzjoni diġitali biex jappoġġaw il-benesseri tal-istudenti u tal-edukaturi f'ambjenti ta' apprendiment diġitali. Dan għandu jiġi appoġġat u mrawwem b'mod sistematiku fl-aspetti kollha tal-ekosistema tal-edukazzjoni diġitali<sup>2</sup>.

---

<sup>2</sup> L-ekosistema tal-edukazzjoni diġitali tinkludi l-infrastruttura tal-edukazzjoni diġitali, il-konnettività u t-tagħmir (inkluż teknoloġiji aċċessibbli u ta' assistenza); kontenut ta' edukazzjoni diġitali ta' kwalità għolja; studenti u edukaturi bl-għarfien biex jintegraw it-teknoloġiji diġitali fil-proċess pedagoġiku; u l-iżvilupp tal-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi diġitali u l-kondizzjonijiet għar-relazzjonijiet interpersonali f'ambjenti ta' apprendiment diġitali.

25. It-tisħiħ tal-benesseri tal-istudenti fil-kuntest tal-edukazzjoni diġitali huwa proċess bidirezzjonali. L-ambjenti diġitali jistgħu jgħibu magħhom xi sfidi, inkluż fil-kuntest tal-edukazzjoni diġitali, eż. il-bullying ċibernetiku, li jista' jkollu impatt negattiv fuq il-benesseri, speċjalment jekk xi aspetti ta' dawk l-ambjenti ma jkunux imfassla jew implimentati tajjeb. B'kuntrast ma' dan, ekosistemi tal-edukazzjoni diġitali mfassla tajjeb li huma effettivi u inklużivi jistgħu jippromwovu l-iżvilupp tal-benesseri tal-istudenti u jtejb u l-prospetti tal-edukazzjoni, tal-ħajja u tax-xogħol tagħhom.
26. Id-distakk diġitali joħloq theddida serja għall-benesseri fl-edukazzjoni u t-taħriġ diġitali kemm għall-istudenti kif ukoll għall-edukaturi, u dan id-distakk spiss isaħħaħ l-inugwaljanzi eżistenti jew joħloq oħrajn ġodda. Is-sistemi tal-iskejjel fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali għandhom ikunu kapaċi jirrispondu għal kwalunkwe problema ta' aċċess insuffiċjenti, tagħmir inadegwat jew kondizzjonijiet ta' apprendiment mhux sodisfaċenti li jiffaċċjaw l-istudenti, b'mod partikolari l-istudenti żvantaġġati inkluż dawk b'diżabbiltajiet u/jew bi bżonnijiet edukattivi speċjali u dawk li jiffaċċjaw sfidi relatati mad-distakk diġitali bejn il-ġeneri.
27. Mudelli ġodda ta' apprendiment, inkluż dawk li jinvolvu l-użu ta' għodod diġitali aċċessibbli u traċċabbli, li jestendu s-sensibilizzazzjoni għal studenti żvantaġġati, inkluż dawk b'diżabbiltajiet u/jew bi bżonnijiet edukattivi speċjali u dawk li temporanjament ma jistgħux jattendu l-iskola minħabba kundizzjoni ta' saħħa, kif ukoll studenti li jgħixu f'żoni iżolati, insulari jew remoti, bħar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE. Huma jappoġġaw ukoll motivazzjoni u impenn aktar b'saħħithom biex jibbenefikaw minn esperjenzi online, u flimkien ma' approċċi ċċentrati fuq l-istudent jgħinu biex jitnaqqas id-distakk diġitali.
28. Bil-wasla ta' studenti minn kuntesti ta' migrazzjoni u/jew dawk li l-ewwel lingwa tagħhom hija differenti mil-lingwa tal-iskola, l-għodod diġitali u l-kontenut edukattiv ta' kwalità għolja jistgħu jiffaċilitaw il-kontinwità tal-edukazzjoni u t-taħriġ tagħhom, jistgħu jgħinuhom iżommu r-rabta tagħhom mal-lingwa u l-kultura tal-orijini tagħhom u jlaħħqu ma' esperjenzi trawmatiċi possibbli u ma' sfidi ġodda.

29. Aċċess aktar frekwenti u li dejjem jikber għall-ambjenti diġitali u għall-użu tagħhom jista' jesponi lill-istudenti għal riskju akbar li jsufri minn theddid fid-dinja diġitali, eż. il-bullying ċibernetiku u/jew l-iżolament. Iridu jsiru sforzi biex jiġi żgurat li l-istudenti jiġu edukati u li l-edukaturi jkunu mħarrġa b'mod adegwat u jikkooperaw ma' professjonisti rilevanti oħra sabiex verament jippromwovu ambjent ta' apprendiment diġitali sikur.
30. L-enfasi fuq il-ħsieb kritiku, il-litteriżmu medjatiku u diġitali u r-reżiljenza għad-diżinformazzjoni u l-miżinformazzjoni għandhom jissaħħu fis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, bil-ħsieb li l-istudenti jawtonomizzaw ruħhom bil-ħiliet meħtieġa biex jirrispondu għal theddid u sfidi potenzjali u filwaqt li jipprovdu esperjenza online aktar sikura u aktar pożittiva.
31. L-edukaturi, flimkien mal-persunal amministrattiv u manijerjali, għandhom rwol importanti u insostitwibbli fl-iżvilupp ta' ambjenti tal-edukazzjoni u t-taħriġ<sup>3</sup> u fl-appoġġ għall-benesseri tal-istudenti. Għandhom jiżviluppaw u jsaħħu l-kompetenzi diġitali tagħhom u jtejbū l-għarfien tagħhom dwar il-benefiċċji u l-isfidi tal-użu ta' għodod diġitali fl-edukazzjoni u t-taħriġ eż. fl-edukazzjoni inizjali, l-induzzjoni u l-iżvilupp professjonali kontinwu tagħhom, kif ukoll dwar l-importanza li tiżdied l-attrazzjoni tal-iżvilupp tal-ħiliet tal-ICT għall-bniet fost l-oħrajn permezz ta' approċċi sensittivi għall-ġeneru għat-tagħlim ta' kompetenzi relatati mad-diġitalizzazzjoni.
32. It-teknoloġiji diġitali mhumie x maħsuba biex jissostitwixxu l-preżenza fiżika u l-interazzjonijiet wiċċ imb wiċċ bejn l-edukaturi u l-istudenti. L-għan tal-integrazzjoni tat-teknoloġiji diġitali fil-proċessi edukattivi huwa li tiġi appoġġata u ffaċilitata l-ħidma tal-edukaturi u li tissaħħaħ l-esperjenza ta' apprendiment tal-istudenti.

---

<sup>3</sup> Diversi fatturi jista' jkollhom impatt fuq il-benesseri ġenerali tal-edukaturi, eż. ammont ta' xogħol eċċessiv, perċezzjoni ta' nuqqas ta' rikonoxximent u rispett għall-professjoni tat-tagħlim, daqsijiet eċċessivi tal-klassijiet, nuqqas ta' appoġġ għall-iskejjel bi problemi ta' mġiba ħażina tal-istudenti li ma jistgħux jiġu mmaniġġati, u, f'xi pajjiżi, finanzjament inadegwat jew inugwali (Viac, C. u Fraser, P., *Teachers' well-being: A framework for data collection and analysis*, OECD Education Working Paper No. 213, OECD Publishing, Paris, 2020).

Il-benesseri tal-istudenti u tal-edukaturi fil-kuntest tal-edukazzjoni u t-taħriġ diġitali jista' jiġi appoġġat minn:

**A. Il-kisba tal-ġharfien, il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa għat-trawwim tal-benesseri fl-edukazzjoni u t-taħriġ diġitali**

33. L-individwi jinvolve ruħhom f'ambjent diġitali tul il-ħajja personali, professjonali u ċivika tagħhom. L-iżvilupp tal-ġharfien, il-ħiliet u l-kompetenzi diġitali jista' jappoġġa l-prosperità emozzjonali u l-kontenut tagħhom u jrawwem il-kapaċità tagħhom li jirrispondu b'mod xieraq għall-isfidi u r-riskji ppreżentati kemm fid-dinja diġitali kif ukoll f'dik fiżika.
34. Il-politiki u l-miżuri li jikkonċernaw l-iżvilupp tal-ħiliet u l-kompetenzi diġitali għandhom jiffasslu b'kont meħud tal-benesseri tal-istudenti u tal-ħtiġijiet individwali tagħhom, b'enfasi speċjali fuq il-gruppi żvantaġġati. Dawn għandhom ikunu mmirati wkoll biex iżidu r-reżiljenza u l-awtonomizzazzjoni tagħhom. Il-kompetenza diġitali<sup>4</sup> tinvolvi involviment kunfidenti, kritiku, responsabbli, etiku u aktar sikur mat-teknoloġiji diġitali. Il-ħiliet diġitali bħall-ħsieb komputazzjonali, is-soluzzjoni tal-problemi fil-qasam tal-ICT u l-litteriżmu fid-data huma meħtieġa kemm matul l-istadji inizjali tal-edukazzjoni u t-taħriġ kif ukoll tul il-ħajja sabiex l-individwi jkunu jistgħu jiġu integrati aħjar fis-soċjetà u jkollhom aċċess aħjar għal opportunitajiet ta' impjieg.
35. It-teknoloġiji diġitali jinfluwenzaw il-modi li bihom l-istudenti jittgħallmu, ifittxu u jikkondividu l-informazzjoni kif ukoll kif jinteraġixxu flimkien u jissoċjalizzaw. L-istudenti huma esposti għal varjetà wiesgħa ta' informazzjoni, inkluż id-diżinformazzjoni u l-miżinformazzjoni, għalhekk l-iżvilupp tal-litteriżmu diġitali u medjatiku, il-ħsieb kritiku u l-ħiliet għas-soluzzjoni tal-problemi huwa essenzjali.

---

<sup>4</sup> Ara pereżempju Kummissjoni Ewropea, Ċentru Kongunt tar-Riċerka, Vuorikari, R., Kluzer, S., Punie, Y., *DigComp 2.2, The Digital Competence framework for citizens: with new examples of knowledge, skills and attitudes*, 2022 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2018 dwar il-Kompetenzi Ewlenin għat-Tagħlim tul il-Ħajja (ĠU C 189, 4.6.2018, p. 1).

36. L-istudenti għandhom jiksbu u jiżviluppaw l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa li ser jikkontribwixxu għall-użu innokwu, sikur u etiku tal-għodod diġitali, inkluż il-ħiliet taċ-ċibersigurtà u l-għarfien tal-limiti tal-algoritmi tal-IA. Dan jista' jkollu impatt sinifikanti fuq il-benesseri u r-reżiljenza tal-istudenti.
37. L-iżvilupp tal-kompetenza personali u soċjali jista' jgħin lill-istudenti jużaw networks soċjali diġitali b'inqas riskju ta' ħsara emozzjonali jew soċjali u jżidu l-għarfien tagħhom dwar ir-riskji ta' użu eċċessiv tat-teknoloġiji diġitali.
38. L-istudenti għandu jkollhom l-opportunità li jiksbu l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa biex ikunu jistgħu jgħolqu, jikkondividu u jużaw kontenut diġitali, u għandhom ikunu konxji mir-regoli relatati mal-proprjetà intellettuali.
39. Huma meħtieġa ħiliet avvanzati u speċjalizzati għall-iżvilupp ta' prodotti u servizzi tal-ICT u ta' teknoloġiji diġitali avvanzati, inkluż dawk li jista' jkollhom impatt pożittiv fuq il-benesseri tal-individwi, eż. persuni b'diżabbiltajiet u/jew b'żonnijiet edukattivi speċjali.
40. L-edukaturi għandhom jiġu appoġġati biex jiksbu u jiżviluppaw l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi diġitali tagħhom, eż. fl-edukazzjoni inizjali, l-induzzjoni u l-iżvilupp professjonali kontinwu tagħhom, u jkunu infurmati tajjeb dwar il-benefiċċji u l-isfidi tal-użu tal-għodod diġitali, u dwar l-opportunitajiet li jirriżultaw mill-użu tagħhom, fl-edukazzjoni u t-taħriġ. L-edukaturi għandhom jappoġġaw lill-istudenti biex jużaw it-teknoloġija b'mod sikur, responsabbli u kreattiv.

**B. It-tfassil ta' approċċi ta' taġħlim u ta' apprendiment u ambjenti diġitali li jtejb u l-benesseri tal-istudenti**

41. L-approċċi ta' taġħlim u ta' apprendiment, li jinkludu metodi ta' taġħlim u ta' apprendiment u aspetti organizzattivi, għandhom itejbu r-rilevanza u l-effettività tal-proċess tal-edukazzjoni u t-taħriġ kif ukoll il-kontenut u l-fiduċja tal-istudenti fihom infushom fl-ambjenti kollha ta' apprendiment. F'dan il-kontest, l-aċċessibilità, is-sikurezza u l-kwalità tal-infrastruttura diġitali u t-teknoloġiji diġitali huma kruċjali. L-iżvilupp u l-użu ta' teknoloġiji diġitali avvanzati fl-edukazzjoni u t-taħriġ jistgħu jkunu ta' benefiċċju, speċjalment għal studenti żvantaġġati inkluż dawk b'diżabbiltajiet u/jew bi bżonnijiet edukattivi speċjali.
42. Meta jkunu qed jitfasslu politiki tal-edukazzjoni diġitali, għandhom jiġu kkunsidrati l-aspetti li ġejjin:
- *l-ambjenti* li fihom isir l-apprendiment, filwaqt li jitqies l-isfond soċjoekonomiku, kulturali u familjari tal-istudenti kif ukoll ċirkostanzi rilevanti oħra.
  - *l-għodod u l-apparati użati*, li jadattaw l-użu taġħhom għall-ħtiġijiet individwali tal-istudenti (influenzati minn eż. il-kundizzjoni tas-saħħa, il-ħtiġijiet edukattivi speċjali u l-isfond soċjoekonomiku):
    - L-ekosistemi tal-edukazzjoni diġitali għandhom jappoġġaw il-ħidma permezz ta' għodod edukattivi innovattivi, li jistgħu jinkludu l-ludifikazzjoni, is-soluzzjonijiet edukattivi bbażati fuq pereżempju teknoloġiji tar-realtà estiża bħar-realtà awmentata/virtwali, l-IA, l-analitika tal-apprendiment u n-networks soċjali, li jirrispettaw approċċ etiku u trasparenti, il-privatezza tad-data u n-nondiskriminazzjoni sa mit-tfassil, filwaqt li jitqiesu l-benefiċċji u r-riskji potenzjali<sup>5</sup>.

<sup>5</sup> Dawn jinkludu, pereżempju, id-dipendenza fuq l-internet, il-ħin eċċessiv li wieħed iqatta' quddiem skrin, id-disturbi relatati mal-logħob u kwistjonijiet relatati mas-saħħa bħas-sedentarjetà li twassal għall-obeżità.

- Is-soluzzjonijiet diġitali għandhom jitfasslu b'tali mod li jippermettu u jinkoraġġixxu l-adattabbiltà għal skopijiet ta' edukazzjoni diġitali u jirrispettaw l-isfondi u l-ħtiġijiet differenti tal-individwi kollha, speċjalment l-istudenti minn gruppi żvantaġġati. Fejn rilevanti, għandha tiġi promossa l-interoperabbiltà tas-soluzzjonijiet diġitali użati fl-edukazzjoni u t-taħriġ.
- It-teknoloġiji diġitali avvanzati u speċjalizzati (eż. l-IA, ir-realtà awmentata/virtwali, l-internet tal-oġġetti, it-tewmin diġitali, eċċ.) jistgħu jtejbū l-aċċessibbiltà u l-kwalità tal-ambjenti ta' apprendiment u taħriġ u jikkomplementaw b'mod sinerġiku l-approċċi ta' taħlim u ta' apprendiment mhux diġitali. L-integrazzjoni ta' soluzzjonijiet diġitali innovattivi tista' tippromwovi l-ħila tal-istudenti fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali.
- L-użu tat-teknoloġiji diġitali jista' jieħu l-ħin li jista' jintuża għal attivitajiet oħra li huma ta' benefiċċju għas-saħħa, bħall-eżerċizzju fiżiku jew l-irqad. Għaldaqstant, għandu jiġi kkunsidrat il-bilanċ bejn il-ħin li wieħed iqatta' quddiem skrin u dak mhux quddiem skrin u l-ġestjoni tal-ħin.
- *il-kompiti tal-apprendiment* li jintużaw fil-proċess tal-edukazzjoni li jwasslu għal eżiti tal-apprendiment maħsuba.
  - L-użu ta' kontenut ta' edukazzjoni diġitali ta' kwalità għolja mfassal bi skop pedagoġiku sod u mwassal b'mod modern, aċċessibbli u faċli biex jintuża<sup>6</sup>.
  - Appoġġ għal approċċi ċċentrati fuq l-istudent, inkluż il-promozzjoni tal-awtonomija tal-istudenti.
- *l-edukaturi* li għandhom ikunu mħarrġa sew u kapaċi jipprovdu gwida lill-istudenti dwar l-użu xieraq tat-teknoloġiji diġitali, inkluż allokazżjoni għaqlija u bbilanċjata ta' ħin imqatta' quddiem skrin u 'l bogħod minnu. Edukaturi mħarrġa tajjeb huma kapaċi jqisu l-ispeċifikitajiet ta' ambjenti differenti ta' apprendiment diġitali, jaħdmu b'għodod diġitali innovattivi, b'approċċi ta' taħlim u ta' apprendiment u jimplementawhom f'kuntest pedagoġiku filwaqt li jżommu f'moħħhom ir-riskji tal-użu eċċessiv tat-teknoloġiji diġitali.

---

<sup>6</sup> Fir-rigward tal-kontenut edukattiv, il-Qafas li jmiss dwar il-Kontenut tal-Edukazzjoni Diġitali tal-Kummissjoni jista' jipprovdi gwida utli.

### **C. Relazzjonijiet interpersonali fl-ekosistema tal-edukazzjoni diġitali**

43. L-ekosistemi tal-edukazzjoni diġitali huma bbażati mhux biss fuq l-infrastruttura diġitali u l-għodod u l-kontenut diġitali, iżda wkoll fuq l-interazzjonijiet soċjali bejn l-individwi involuti - jiġifieri l-istudenti, l-edukaturi u atturi oħra li jużaw mezzi teknoloġiċi għall-komunikazzjoni u l-ħolqien ta' kontenut u networks - u fuq l-ambjenti fiżiċi u soċjali tagħhom. Huwa essenzjali li dawn l-interazzjonijiet soċjali jiġu kkunsidrati meta jiġu mfassla l-ekosistemi tal-edukazzjoni diġitali.
44. Il-progress teknoloġiku biddel il-forom ta' komunikazzjoni u feti opportunitajiet ġodda għall-awtonomizzazzjoni, l-awtoespressjoni u ċ-ċittadinanza diġitali<sup>7</sup>, inkluż għal parteċipazzjoni attiva fis-soċjetà permezz ta' għodod online.

---

<sup>7</sup> Skont il-Kunsill tal-Ewropa, ċittadin diġitali huwa persuna li, permezz tal-iżvilupp ta' firxa wiesgħa ta' kompetenzi, huwa kapaċi jinvolti ruħu b'mod attiv, pożittiv u responsabbli, f'komunitajiet kemm online kif ukoll offline, kemm jekk fil-livell lokali, nazzjonali jew dak globali (Richardson, J., Milovidov, E., *Digital citizenship education handbook: being online, well-being online, rights online* (Manwal dwar l-Edukazzjoni ta' Ċittadinanza Diġitali: li tkun online, bennesseri online, drittijiet online), Kunsill tal-Ewropa, 2019).

45. L-interazzjonijiet diġitali jistgħu jgħinu fl-iżvilupp tal-ħiliet soċjali u jsaħħu l-konnessjonijiet soċjali. Madankollu, l-istudenti u l-edukaturi jistgħu jkunu esposti wkoll għal riskji diġitali<sup>8</sup> (bħal bullying ċibernetiku, diskors ta' mibegħda, aħbarijiet foloz, ksur tal-privatezza, frodi online, kmamar tal-eku<sup>9</sup>, eċċ.)<sup>10</sup> li huma ta' ħsara għall-benesseri tagħhom<sup>11</sup>. Huwa essenzjali li l-istudenti, l-edukaturi u l-ġenituri jkunu konxji mill-ambitu u l-varjetà ta' dawn ir-riskji u jkunu jafu kif jevitawhom u/jew jipprevenuhom, fejn isibu appoġġ u kif jibnu r-reżiljenza. Huwa importanti wkoll li jintużaw interazzjonijiet kif ukoll approċċi ta' taġħlim u apprendiment f'ambjenti ta' apprendiment diġitali biex jiġu indirizzati r-riskji diġitali.
46. Is-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ u l-iskejjel għandhom jesploraw modi kif isaħħu l-benesseri fl-edukazzjoni diġitali, jippromwovu l-għarfien u l-prevenzjoni tar-riskji diġitali kif ukoll il-politiki olistiċi tal-iskejjel, inkluż il-proċeduri organizzattivi tal-iskejjel, l-appoġġ għal ambjenti sikuri tal-edukazzjoni diġitali u l-indirizzar tal-isfidi marbuta mar-riskji diġitali.

---

<sup>8</sup> Ir-riskji diġitali jistgħu jkunu marbuta, eż. ma' użu eċċessiv jew użu mhux xieraq ta' teknoloġiji diġitali jew mal-interazzjoni tal-istudenti mad-dinja diġitali.

<sup>9</sup> It-terminu "kamra tal-eku" jirreferi għal sitwazzjonijiet fil-media soċjali u fi gruppi ta' diskussjoni online li fihom it-twelmin jiġi amplifikat jew imsaħħa permezz ta' komunikazzjoni u repetizzjoni f'sistema magħluqa u iżolata. Il-parteċipanti normalment jirċievu informazzjoni li ssaħħa il-fehmiet eżistenti tagħhom mingħajr ma jiltaqgħu ma' fehmiet opposti" (Vuorikari, R., Kluzer, S. u Punie, Y., *DigComp 2.2: The Digital Competence Framework for Citizens - With new examples of knowledge, skills and attitudes*, (DigComp 2.2: Il-Qafas tal-Kompetenza Diġitali għaċ-Ċittadini - B'eżempji ġodda ta' għarfien, ħiliet u attitudnijiet), Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, Lussemburgu, 2022.

<sup>10</sup> Studju li sar mill-OECD fl-2019 jiddefinixxi tipoloġija tar-riskji: riskji ta' kuntatt, riskji marbutin mal-kontenut, riskji għall-privatezza u riskji għall-konsumatur (Burns, T., Gottschalk, F. (eds.), *Educating 21st Century Children: Emotional Well-being in the Digital Age*, Educational Research and Innovation, (Benesseri emozzjonali fl-Era Diġitali, Riċerka u Innovazzjoni fl-Edukazzjoni), Pubblikazzjoni tal-OECD, Pariġi, 2019.

<sup>11</sup> Pereżempju, il-bullying ċibernetiku jista' jkun saħansitra aktar dannuż minn forom ordinarji ta' bullying minħabba li l-umiljazzjoni tinfirex ħafna aktar għal udjenza kbira online, u l-kliem u l-immaġnijiet jistgħu jibqgħu fl-ambjent online b'mod indefinit.

47. It-tqabbil soċjali mrawwem fid-dinja online jista' jkollu impatt negattiv fuq is-saħħa mentali u l-awtostima, b'mod partikolari fl-adolessenza. It-tfassib tal-istudenti dwar id-dehra fiżika u s-sens ta' aljenazzjoni soċjali jistgħu jiġu skattati jew intensifikati jekk ikunu esposti għal immaġnijiet "ideali" fuq il-media soċjali. L-użu tal-media soċjali online huwa marbut ukoll mal-fenomeni magħruf bħala l-"biża" li nitilfu xi ħaġa". L-edukaturi f'ambjenti ta' taġlim diġitali għandhom ikunu konxji minn dawn ir-riskji, iqajmu kuxjenza dwar l-impatti negattivi ta' dawn il-fenomeni u jindirizzawhom u jippromwovu l-iżvilupp tal-ħiliet fost l-istudenti biex jiffaċċjaw dawn il-kwistjonijiet.
48. L-edukaturi għandhom jappoġġaw il-motivazzjoni tal-istudenti biex jitgħallmu u jiżviluppaw il-potenzjal sħiħ taġħhom, jgħinuhom jikbru f'indivdui koerenti u maturi li huma konxji mill-aspetti qawwija, id-dgħufijiet, l-għanijiet tal-ħajja u l-aspirazzjonijiet taġħhom, u li bnew awtoimmaġni pożittiva, u li fl-istess ħin jirrispettaw lill-oħrajn u l-ħtiġijiet individwali taġħhom. Imgħiba bħal din hija fattur ewlieni tal-benesseri fl-edukazzjoni diġitali.
49. Ġenitorjalità diġitali għaqlija u ambjent solidali tal-familja għandhom ikunu parti minn ekosistema tal-edukazzjoni diġitali, filwaqt li jitqies l-isfond tal-familja. L-iskejjel għandhom ikunu konxji tal-importanza tal-komunikazzjoni u l-kooperazzjoni mal-ġenituri jew mal-persuni li jindukraw fir-rigward tal-opportunitajiet, il-benefiċċji u l-isfidi ppreżentati mill-edukazzjoni diġitali, kif ukoll ir-riskji diġitali u l-importanza tal-ġestjoni tal-ħin meta jintużaw għodod diġitali għal skopijiet edukattivi u ta' taħriġ.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI, F'KONFORMITA MAĊ-ĊIRKOSTANZI NAZZJONALI  
TAGĦHOM U L-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ, BIEX

50. Jagħmlu enfasi fuq it-tisħiħ tal-benesseri tal-istudenti u tal-edukaturi meta jfasslu politiki u strateġiji nazzjonali fl-edukazzjoni diġitali;
51. Jippromwovu t-tfassil ta' proċessi ta' taġħlim u ta' apprendiment bil-ħsieb tal-impatt tagħhom fuq il-benesseri tal-istudenti u, fejn rilevanti, jinkoraġġixxu kooperazzjoni b'saħħitha bejn l-ekosistemi tal-edukazzjoni diġitali u l-professjonisti u s-servizzi tas-saħħa mentali u psikosoċjali;
52. Jinkoraġġixxu proċessi ta' taġħlim u ta' apprendiment ibbażati fuq approċċ iċċentrat fuq l-istudent, eż. permezz tal-integrazzjoni ta' teknoloġiji diġitali avvanzati, l-użu etiku tal-intelliġenza artiċjali (IA) u tad-data<sup>12</sup>, b'enfasi speċjali fuq l-appoġġ għall-benesseri ta' studenti żvantaġġati u daww f'sitwazzjonijiet vulnerabbli inkluż daww b'diżabilità u/jew bi bżonnijiet edukattivi speċjali, kif ukoll studenti b'talenti speċjali, u fuq l-indirizzar tad-distakk diġitali bejn il-ġeneri;
53. Isaħħu l-għarfien tal-istudenti u tal-edukaturi dwar il-ħtieġa li jsibu bilanċ bejn il-ħin quddiem l-iskrin u 'l bogħod minnu, u, fejn possibbli, jappoġġaw lill-iskejjel fl-iżvilupp ta' ġestjoni xierqa tal-ħin fir-rigward tal-attivitajiet ta' taġħlim u apprendiment diġitali u wiċċ imb wiċċ;
54. Jesploraw modi kif jappoġġaw it-tfassil u l-implimentazzjoni tal-proċessi ta' taġħlim u ta' apprendiment u l-użu ta' teknoloġiji diġitali fl-edukazzjoni u t-taħriġ sabiex jiffaċilitaw l-integrazzjoni ta' studenti minn sfond ta' migrazzjoni u/jew daww li l-ewwel lingwa tagħhom hija differenti mil-lingwa tat-taġħlim fis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ tal-Istati Membri, filwaqt li jippermettulhom iżommu l-konnessjoni tagħhom mal-ilsna materni u l-kulturi rispettivi tagħhom;

---

<sup>12</sup> Il-linji gwida etiċi dwar l-użu tal-intelliġenza artiċjali (IA) u d-data fit-taġħlim u l-apprendiment għall-edukaturi, imħejjija mill-Kummissjoni, jistgħu jitqiesu bħala sors utli ta' gwida u appoġġ f'dan ir-rigward.

55. Jappoġġaw<sup>13</sup> l-għarfien tal-istudenti dwar theddid potenzjali fid-dinja diġitali u l-iżvilupp tar-reżiljenza tagħhom sabiex jitnaqqsu r-riskji u jiġu offruti opportunitajiet online sikuri għaż-żgħażaġh, filwaqt li jingħata appoġġ għall-protezzjoni tad-data u l-privatezza online;
56. Jesploraw modi biex jappoġġaw lill-edukaturi fil-promozzjoni tal-ħsieb kritiku, il-litteriżmu medjatiku u diġitali tal-istudenti u fil-ħidma bid-data u l-informazzjoni, inkluż approċċ informat għall-miżinformazzjoni u d-diżinformazzjoni<sup>14</sup>;
57. Iħeġġu lill-iskejjel, fejn xieraq, biex japplikaw approċċi olistiċi tal-iskejjel li jippromwovu b'mod sistematiku l-benesseri fl-edukazzjoni diġitali fil-livelli primarji, sekondarji u tal-VET, inkluż politiki flessibbli li jappoġġaw il-prevenzjoni u r-reżiljenza u jindirizzaw sfidi bħar-riskji diġitali, kif ukoll il-proċeduri organizzattivi tal-iskejjel;
58. Jikkunsidraw li jużaw l-opportunitajiet offruti mill-istrumenti eżistenti tal-UE (il-Fond Soċjali Ewropew Plus, Erasmus+, l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku, eċċ.) biex jippromwovu politiki tal-edukazzjoni diġitali li jiffokaw fuq il-benesseri tal-istudenti u tal-edukaturi f'ambjenti ta' apprendiment diġitali.

---

<sup>13</sup> Pereżempju permezz tan-network eżistenti ta' Ċentri għal Internet Aktar Sikur fl-Istati Membri, kofinanzjat mill-UE, u l-pjattaforma betterinternetforkids.eu, iċ-ċentru pan-Ewropew dwar is-sikurezza online tat-tfal, li fih materjal għall-ġhalliema, il-ġenituri u t-tfal fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE.

<sup>14</sup> Il-linji gwida għall-ġhalliema u l-edukaturi dwar l-indirizzar tad-diżinformazzjoni u l-promozzjoni tal-litteriżmu diġitali permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ, imhejjja mill-Kummissjoni, jistgħu jitqiesu bħala sors utli ta' gwida u appoġġ f'dan ir-rigward.

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI, F'KONFORMITÀ MAT-TRATTATI U B'RISPETT SĦIĦ  
GĦAS-SUSSIDJARJETA', BIEX

59. Tappoġġa r-riċerka dwar l-impatt tal-użu tat-teknoloġiji diġitali fuq il-benesseri tal-istudenti u tal-edukaturi fl-Istati Membri kollha, u tfassal studju bbażat fuq l-evidenza dwar is-sitwazzjoni attwali tal-ħtiġijiet marbuta mal-benesseri f'ambjenti tal-edukazzjoni diġitali. Tfassal mudell għal prattiki effiċjenti mmirati lejn it-titjib tal-benesseri fl-ekosistemi tat-tagħlim diġitali u, fl-aħħar mill-aħħar, kriterji għal "mudell ta' skola ta' benesseri diġitali" fl-iskejjel bħala eżempju possibbli u biex l-Istati Membri jużawhom fuq bażi volontarja. Meta tfassal dan il-mudell, tiegħu kont tal-ħidma tal-grupp ta' esperti informali tal-Kummissjoni, li qed jiġi stabbilit bħalissa, dwar ambjenti ta' tagħlim li jappoġġaw lil gruppi li huma f'riskju li jkollhom progress insuffiċjenti u li jappoġġaw il-benesseri fl-iskejjel;
60. Jinkoraġġixxu l-iżvilupp u l-kondiviżjoni ta' kontenut ta' kwalità għolja għall-edukaturi u professjonisti rilevanti oħra bl-għan li jkomplu jtejb u l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi tagħhom, l-approċċi pedagoġiċi ċċentrati fuq l-istudent u l-ħidma ma' gruppi differenti ta' studenti;
61. Jikkunsidraw il-promozzjoni tal-benesseri fl-edukazzjoni diġitali bħala parti mill-Hackathon tal-Edukazzjoni Diġitali annwali;

62. Tqajjem kuxjenza fost il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, eż. disinjaturi ta' għodod u servizzi diġitali, bħas-settur tat-teknoloġija tal-edukazzjoni (EdTech) u dawk iffukati fuq iċ-ċibersigurtà, fuq l-integrazzjoni ta' approċċi u soluzzjonijiet faċli għall-utent li jappoġġaw il-benesseri tal-istudenti u tal-edukaturi fl-edukazzjoni diġitali. Tqajjem kuxjenza fost il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha li jiżviluppaw kontenut tal-edukazzjoni diġitali dwar l-integrazzjoni tal-aspett tal-benesseri mhux biss fil-kontenut innifsu iżda wkoll fil-proċessi tat-tagħlim u tal-apprendiment.
63. Tappoġġa l-użu ta' programmi tal-UE, bħal Erasmus+, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, Orizzont Ewropa u l-Programm Ewropa Diġitali għall-promozzjoni tal-benesseri tal-istudenti u tal-edukaturi f'ambjenti ta' apprendiment diġitali u l-użu ta' teknoloġiji diġitali avvanzati, eż. għal studenti b'diżabilità u/jew bi ħtiġijiet edukattivi speċjali, kif ukoll l-iżvilupp, l-ittestjar u l-użu ta' ludifikazzjoni, soluzzjonijiet edukattivi bbażati fuq l-IA, u teknoloġiji tar-realtà estiża bħar-realtà awmentata/virtwali għal skopijiet pedagoġiċi;
64. Tirrifletti l-ħtieġa ta' ekosistema tal-edukazzjoni diġitali olistika, integrata u sostenibbli fl-Istati Membri li tippromwovi l-kwalità u l-inklużjoni u trawwem il-benesseri fl-edukazzjoni diġitali fl-implimentazzjoni li għaddejja tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali (2021-2027) u l-proposti li jmiss għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-fatturi abilitanti għall-edukazzjoni diġitali u Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-titjib tal-provvista ta' ħiliet diġitali fl-edukazzjoni u t-taħriġ.
-

DOKUMENTI TA' SFOND

**Kunsill Ewropew**

- Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2017 (EUCO 19/1/17 REV 1).

**Kunsill tal-Unjoni Ewropea**

- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-istrategġja tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal (10024/22).
- Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar approċċi ta' taġħlim imħallat għal edukazzjoni primarja u sekondarja ta' kwalità għolja u inklużiva (ĠU C 504, 14.12.2021, p. 21).
- Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1004 tal-14 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal (ĠU L 223, 22.6.2021, p. 14).
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-ekwità u l-inklużjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ sabiex jiġi promoss is-suċċess edukattiv għal kulħadd (ĠU C 221, 10.6.2021, p. 3).
- Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u lil hinn (2021-2030), (ĠU C 66, 26.2.2021, p. 1).
- Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2020 dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza (ĠU C 417, 2.12.2020, p. 1).
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni diġitali fis-soċjetajiet tal-għarfien tal-Ewropa (ĠU C 415, 1.12.2020, p. 22).

- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-kriżi tal-COVID-19 fl-edukazzjoni u t-taħriġ, (ĠU C 212 I, 26.6.2020, p. 9).
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-ġhalliema u l-ħarrieġa Ewropej għall-futur (ĠU C 193, 9.6.2020, p. 11).
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Ekonomija tal-Benesseri, (ĠU C 400, 26.11.2019, p. 9).
- Rizzoluzzjoni tal-Kunsill dwar l-iżvilupp ulterjuri taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni biex jiġu appoġġati sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ orjentati lejn il-futur (ĠU C 389, 18.11.2019, p. 1).
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-mixja lejn viżjoni għal Żona Ewropea tal-Edukazzjoni (ĠU C 195, 7.6.2018, p. 7).
- Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja (ĠU C 189, 4.6.2018, p. 1).

### **Dikjarazzjonijiet**

- Dikjarazzjoni ta' Osnabrück dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali bħala faċilitatur tal-irkupru u ta' tranżizzjonijiet ġusti lejn ekonomiji diġitali u ekoloġiċi (30 ta' Novembru 2020).

## **Kummissjoni Ewropea**

- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Deċennju Diġitali għat-tfal u ż-żgħażaġħ: l-istrateġija Ewropea l-għdida għal internet aħjar għat-tfal (BIK+) (COM (2022) 212 final).
- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (COM(2021) 102 final).
- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030 (COM(2021) 101 final).
- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-kisba sal-2025 taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni (COM(2020) 625 final).
- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Pjan ta' Azzjoni dwar l-Edukazzjoni Diġitali 2021-2027 – Tfassil mill-għdid tal-edukazzjoni u t-taħriġ għall-era diġitali (COM(2020) 624 final).
- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Aġenda għall-Filiet għall-Ewropa għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza (COM(2020) 274 final).

- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar l-Ugwaljanza Bejn il-Ġeneri għall-2020-2025 (COM(2020) 152 final).
- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: It-tisħiħ tal-identità Ewropea permezz tal-edukazzjoni u l-kultura: Il-kontribuzzjoni tal-Kummissjoni Ewropea għal-laqgħa tal-Mexxejja f'Gothenburg, 17 ta' Novembru 2017 (COM(2017) 673 final).

### **Atti interistituzzjonali**

- Proklamazzjoni Interistituzzjonali dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (ĠU C 428, 13.12.2017, p. 10).

### **Studji**

- Vuorikari, R., Kluzer, S. u Punie, Y., *DigComp 2.2: The Digital Competence Framework for Citizens - With new examples of knowledge, skills and attitudes*, (DigComp 2.2: Il-Qafas tal-Kompetenza Diġitali għaċ-Ċittadini - B'eżempji ġodda ta' għarfien, ħiliet u attitudnijiet), Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, Lussemburgu, 2022.
- Weber, H., Elsner, A., Wolf, D., Rohs, M., u Turner-Cmuchal, M. (eds.), *Inclusive Digital Education* (Edukazzjoni Diġitali Inklużiva), Aġenzija Ewropea għall-Bżonnijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, Odense, 2022.

- Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażaġħ, l-Isport u l-Kultura, *Education and training monitor 2021: education and well-being* (Monitoraġġ tal-edukazzjoni u t-taħriġ 2021: edukazzjoni u benessri).
- Panesi, S., Bocconi, S. u Ferlino, L., *Promoting Students' Well-Being and Inclusion in Schools Through Digital Technologies: Perceptions of Students, Teachers, and School Leaders in Italy Expressed Through SELFIE Piloting Activities* (Promozzjoni tal-Benesseri tal-Istudenti u l-Inklużjoni fl-Iskejjel Permezz tat-Teknoloġiji Diġitali: Perċezzjonijiet tal-Istudenti, l-Għalliema, u l-Mexxejja tal-Iskejjel fl-Italja Espresso permezz ta' Attivitajiet ta' Ppilotar SELFIE), *Frontiers in Psychology*, 2020.
- Punie, Y., editor(s), Redecker, C., *European Framework for the Digital Competence of Educators: DigCompEdu*, (Qafas Ewropew għall-Kompetenza Diġitali tal-Edukaturi: DigCompEdu) Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2017.
- Viac, C. and Fraser, P., *Teachers' well-being: A framework for data collection and analysis*, (Il-benesseri tal-għalliema: Qafas għall-għbir u l-analiżi tad-data), OECD Education Working Paper No. 213, Pubblikazzjoni tal-OECD, Pariġi, 2020.
- Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali għan-Networks tal-Komunikazzjonijiet, il-Kontenut u t-Teknoloġija, *Ethics guidelines for trustworthy AI* (Linji gwida dwar l-Etika għal IA affidabbli), Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, 2019.
- Richardson, J., Milovidov, E., *Digital citizenship education handbook: being online, well-being online, rights online*, (Manwal tal-edukazzjoni dwar iċ-ċittadinanza diġitali: li tkun online, benesseri online, drittijiet online), Kunsill tal-Ewropa, 2019.
- OECD, *How's Life in the Digital Age?: (Kif inhi l-Ħajja fl-Era Diġitali) Opportunities and Risks of the Digital Transformation for People's Well-being*, (Opportunitajiet u Riskji tat-Trasformazzjoni Diġitali għall-Benesseri tal-Poplu), Pubblikazzjoni tal-OECD, Pariġi, 2019.
- Burns, T., Gottschalk, F. (eds.), *Educating 21st Century Children: Emotional Well-being in the Digital Age*, Educational Research and Innovation (Benesseri Emozzjonali fl-Era Diġitali, Riċerka u Innovazzjoni Edukattivi), Pubblikazzjoni tal-OECD, Pariġi, 2019.
- OECD, *The Protection of Children Online: Risks Faced by Children Online and Policies to Protect Them*, (Il-Protezzjoni tat-Tfal Online: Riskji ffaċċjati mit-Tfal Online u l-Politiki għall-Protezzjoni Tagħhom), Dokumenti dwar l-Ekonomija Diġitali tal-OECD, Nru 179, Pubblikazzjoni tal-OECD, Pariġi, 2011.